MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-2 ta' Jannar, 2013

Numru. 4/2013

**Il-Pulizija**
**[Spettur Fabian Fleri u**
**Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Clifton Attard**
**Roderick Zammit**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Clifton Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 451890(M) u Roderick Zammit detentur tal-karta tal-identita` numru 509381(M).

Akkuzati talli:
B'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013, minn parking area sitwata fi Triq Luqa Briffa, Gzira, ikkommettew serq ta' vettura tal-marka Lada 2105 bin-numru tar-registrazzjoni JAF825 liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mezz, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-detriment ta' Giovanni Azzopardi u/jew persuna jew persuni ohra;

2. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 gewwa il-Gzira ikkommettew serq ta' handbag minn fuq il-persuna ta' Lauma Birzina liema serq huwa aggravat bil-hin;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 gewwa Triq il-Gdida, Msida, ittantaw li jisirqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAC945 tal-ghamla Morris 1100 ghad-dannu ta' Mario Galea u/jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa, u aktar talli;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 gewwa Triq il-Gdida, Msida, ittantaw li jisirqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAR606 tal-ghamla Lada 2104 ghad-dannu ta' Ludgardo Borg u/jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa, u aktar talli:

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 gewwa Triq Johnny Catania, Msida, ittantaw li jisirqu vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAJ735 tal-ghamla Suzuki Carry ghad-dannu ta' Joseph Portelli u/jew persuna/i ohra, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali mil-volonta taghhom liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-hin, u bin-natura tal-haga misruqa, u aktar talli;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar 2013 volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara f'vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAJ735 tal-ghamla Suzuki Carry liema hsara hija ta' anqas minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Joseph Portelli u/jew persuna jew persuni ohra;

7. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom ricedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**Lil Clifton Attard wahdu akkuzat ukoll:**

1. Talli matul il-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Novembru 2012, f' dawn il-Gzejjer, u cioe' minn gewwa l-fond numru 40, Orthopaedic Sleep System, Triq l-Abate Rigord, Ta'Xbiex, flimkien ma persuni ohra ikkommetta serq ta' cash register li kienet kontenenti flus kontanti, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz u kif ukoll

bil-hin, u li sar ghad-detriment ta’ Tommaso Montalto u/jew ta’ persuni ohra;

2. Talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-ligijiet ta’ Malta imposti fuqu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Neville Camilleri LLD datata 25 ta’ Awwissu 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistgħax tinbidel u aktar talli:

**Lil Roderick Zammit wahdu akkuzat ukoll:**

1. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkometta delitt li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Demicoli LL.D, datata 13 ta’ Dicembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel u aktar talli:

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat il-fedini penali tal-imputati;

Rat li l-imputati ammettew ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom u li kkonfermaw tali ammissjoni wara li nghataw z-zmien opportun sabiex ikunu jistghu jirregolaw rwiehhom; u

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 28 u 28H, 41 (1) (a), 49, 50, 261, 263, 265, 267, 270, 271 (g), 279 (b), 280 (2), 325 (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qeghda ssib lill-imputati Clifton Attard u Roderick Zammit hatja tal-akkuzi

kollha kif dedotti kontrihom fis-sens li lil Clifton Attard tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija flimkien ma’ multa ta’ €100 bhala ksur tal-probation order. Il-Qorti mhux ser tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 18 tal-Kap 9 stante li l-imputat kkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni u stante l-ammissjoni bikrija tieghu.

In kwantu ghall-imputat Roderick Zammit, tikkundannah ghal tlettax (13)-il xahar prigunerija flimkien ma’ sentejn ohra prigunerija li dawn qed jigu effettivi stante li l-imputat ma zammx mas-sentenza sospiza li kienet ghadha in vigore u li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-tlettax (13) ta’ Dicembru 2012.

Il-Qorti, wara li semghet li z-zewg imputati ghandhom il-vizzju tad-droga, tirrakkomanda lid-Direttur tal-Habs sabiex jaghti kull fakulta lill-imputat sabiex jeghlbu din il-problema.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------